**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 8608/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Steve Cutajar**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Steve Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 335392(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' 21:15 ġewwa Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba, bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Marzu 2024, fejn wara li rat l-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Steve Cutajar ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ammenda ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċentezmu. *In oltre* ordnat illi jittieħdu passi fil-konfront tal-imputat talli huwa ta xhieda falza taħt ġurament fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiemha, u għal dan il-għan ordnat illi kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija. In oltre, ordnat

ukoll illi jittieħedu passi fil-konfront tax-xhud Alister Farrugia talli huwa ta xhieda falza taħt ġurament fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiemha u għal dan il-għan ordnat illi kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appellant Steve Cutajar, ippreżentat fid-9 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement issibu mhux ħati u kif ukoll tirrevoka l-ordni ta' investigazzjoni fil-konfront tal-appellant u Alister Farrugia u dan bil-provi kollha permissibbli skond il-liġi u taħt kull provvediment li dina l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jisħaq illi d-deċizjoni tal-Ewwel Qorti kienet *ultra petita* l-imputazzjoni li kellha quddiemha meta sabet ħtija kontrih, u dan meta ma żammitx fil-parametri tal-imputazzjoni in kwistjoni li kienet waħda speċifika. Huwa jilmenta li l-istess qorti zbaljat meta qieset provi anteċedenti r-reat kif speċifikament indikat bħala data u ħin oltre dawk indikati fiċ-ċitazzjoni.

Illi, mingħajr tlaqliq dina l-Qorti tistqarr illi l-Ewwel Qorti għamlet dak li kien fid-dover tagħha li tagħmel u ċioe' illi tifli kull prova miġjuba quddiemha u teżamina l-istess sabiex eventwalment tasal għad-deċizjoni aħħarija tagħha. Ma hemm xejn x'jindika fid-*deċide* tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti marret *oltre* dak li hemm indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna, tant li l-appellant ġie propju misjub ħati tar-reat lilu addebitat, u ta' ebda reat ieħor. Fil-fatt huwa evidenti minn qari tal-konsiderazzjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti rriskontrat ħtija għal jum tal-05 ta' Jannar 2023, u għamlet referenza għal episodji passati dwar l-istess ilment imqanqal

mill-parti offiża unikament sabiex tagħti retroxxena ta' dak li wassal lill-istess parti offiża tagħmel rapport lill-pulizija fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni u t-tielet aggravji mqanqla mill-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u għalhekk ser jiġu trattati flimkien. Jilmenta l-appellant li mill-*affidavits* tal-Pulizija jirrizulta biċ-ċar li huwa ma kienx qed jagħmel storbju dakinhar tal-inċident *de quo* hekk kif ġie mixli. *In oltre*, huwa jattaka ukoll l-istqarrija rilaxxjata minnu fejn jisħaq li għalkemm ingħata l-kawteli kollha skont il-liġi, madanakolli ma ġietx ippreżentata stqarrija formali.

Illi, eżaminati l-provi li hemm fl-atti u dan sabiex tkun f'posizzjoni tqis jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1], jirriżulta illi dan il-każ ra t-twelid tiegħu meta nhar il-5 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' 21:15hrs il-Pulizija rċeviet telefonata mingħand il-parte offiża Josephine Zammit fejn din irrapurtat li kien hemm xi storbju għaddej ġewwa Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba. Fl-*affidavit* redatt minn PC 809 jidher illi fuq il-post irrikorrew PC 841, PC 417 u PC 1184 li lkoll igħidu li l-investigazzjoni kienet waħda fin-negattiv għaliex ma sabu xejn minn dak rappurtat. PC 1184 G. Bonnici jikkontendi li fuq il-post "**sibna grupp ta' irġiel li kienu qegħdin jitkellmu bilqegħda ġo garaxx. Lil dawn l-imsemmija rġiel għarrafnihom li kien sar rapport u wissejnihom sabiex ma jkomplux jagħmlu l-ebda tip ta' storbju**". L-istess verzjoni

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

kienet ikkonfermata minn PC 841 R. Mallia u PC 417 L. Degabriele fl-*affidavits* tagħhom.

Illi, sussegwentement PC 809 għamel kuntatt mal-appellant sabiex joħodlu stqarrija rigward ir-rapport li sar fil-konfront tiegħu mill-parti offiża fejn nhar it-12 ta' Jannar 2023, wara li ngħata t-twissija skond il-liġi, l-appellant stqarr mal-pulizija illi:

> "**kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ħamis ikun il-garaxx minħabba li huwa delettant tal-karozzi izda huwa qatt ma storbju bil-vetturi bil-lejl. Zied ukoll li kull darba li tara l-garaxx (numru 44) miftuħ, iċċempel lill-Pulizija ... Ġie mistoqsi jekk kienx waħdu dakinhar fejn stqarr li kien ma' sħabu Leonard Farrugia, Alister Farrugia u Mark Borg**".

Illi, mill-*PIRS Report* eżebit in atti, hemm ukoll il-verzjoni tal-fatti hekk kif mogħtija mill-ħbieb tal-appellant:–

> **Leonard Farrugia stqarr li huma kienu qegħdin jitkellmu u jixorbu l-kafe'.**
>
> **Alister Farrugia stqarr li huma jintaqgħu darbtejn fil-ġimgħa u fl-għaxra ta' filgħaxija jordnaw take-away u joqgħodu jparlaw sakemm jiġi tad-delivery. Ġie mistoqsi mill-Pulizija rigward il-ġurnata tal-5 ta' Jannar 2023 fejn huma kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol fuqha.**
>
> **Mark Borg stqarr kull nhar ta' Tnejn u Ħamis jintaqgħu fil-garaxx ta' Steve u bdew jirranġaw xi ħaġa fil-karozza u wara joqgħodu jparlaw bejnithom.**

Illi, Josephine Zammit, il-kwerelanti, xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarret li toqgħod appoġġ mal-appellant u li hu kien ta sikwit jagħmel l-istorbju. Tgħid li kienet kellmet lill-missieru dwar dan izda l-istorbju baqa' għaddej. Tkompli:–

> "**Ċempilt lill-Pulizija għax ma flaħtx aktar u ma flaħtx, sas-sagħtejn ta' filgħodu mill-erbgħa ta wara nofsinhar kull tip ta' storbju. Daqqiet bil-mazza, jistartja l-karozza fil-ħdax ta' bil-lejl iħalliha startjata".**

In kontro-ezami, tispeċifika li dakinhar li għamlet ir-rapport kienet qed tisma':

> "**Daqqiet bil-mazza fuq il-ħadid, għandu l-workshop tiegħu qiegħed ezatt mal-kċina u mal-kamra tas-sodda, l-bank tal-għodda. Jekk jagħmel xi ħaġa, bieba jew xi ħaġa jsammar fuqha qed jagħti ġo rasi tlett darbiet**".

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellant jinnega li dakinhar tal-5 ta' Jannar huwa kien qed jagħmel l-istorbju u jistqarr illi hu u sħabu kienu sempliċement bil-qiegħda jitkellmu bejniethom u jixorbu tazza kafe'. Dan huwa korroborat ukoll mix-xhieda ta' Alister Farrugia li jgħid li dakinhar huwa u sħabu kienu qed jitkellmu biss, ma kinux qed jagħmlu storbju u ma għamlu l-ebda xogħol mekkaniku.

Illi, għalhekk din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija rinfaċċjata b'zewġ verżjonijiet tal-fatti dijametrikament opposti ta' xulxin, fejn madanakollu jidher li l-Ewwel Qorti tat affidament lil verżjoni tal-parti offiża tant illi kienet tal-fehma illi kemm l-appellant kif ukoll sieħbu Alistair Farrugia kienu xehdu il-falz u ordnat li jittieħdu passi kriminali fil-konfront tagħhom fuq sperġur.

Issa jidher illi għalkemm huwa minnu li meta l-Pulizija rrikorrew fuq il-post, huma sabu li ma kien hemm ebda storbju kif rappurtat, madanakollu ma tara li hemm ebda mottiv li jista' jwassalha tiskossa id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti li kellha ix-xorti tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha *viva voce* u għalhekk setgħat tapplika r-regoli imfassal fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Illi mhux ikkontestat illi fid-data u l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni l-appellant u sħabu ltaqgħu u kienu qed jitkellmu u jistennew l-ikel ordnat minnhom jasal, tant illi meta l-Pulizija marru fuq il-post sabuhom kongregati hemmhekk. Mhux biss iżda jidher illi din ma kenitx okkażjoni ta' darba imma kienet drawwa li dawn in-nies jiltaqgħu qishom każin u jikkongregaw flimkien fil-ħinijiet tard ta' fil-għaxija meta in-nies ikunu qegħdin għal mistrieħ tagħhom, u li anke kien isir xogħol mekkaniku fuq vetturi fil-garaxx tal-appellant, biż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni jindika li kien l-eqqel tax-xitwa u mhux fil-ġranet sajfin.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-30 ta' April 1998 fl-ismijiet *il-Pulizija vs Michael Grech* kien deċiż illi jikkonfigura ruħu dan ir-reat kontravvenzjonali kull meta ikun hemm inkonvenjent lil xi garr, liema "inkonvenjent ghandu jkun serju fis-sens oggettiv, għandu jkun wiehed sostanzjali u mhux ragonevoli." Issa minn dak li xehdet Josephine Zammit jidher illi l-inkonvenjent huwa tali illi qed jiddisturbalha il-mistrieħ ta' bil-lejl u huwa wieħed persistenti, tant illi meta ma rnexxilhiex bil-kelma

it-tajba  iżżomm lill-appellant milli jkompli jikkaġunalha dan l-inkonvenjent kellha tirrikorri għand il-pulizija. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-11ta' Novembru 1999 fl-ismijiet *il-Pulizija vs Godwin Cutajar:*

> **"il-kelma mistrieh (repose fit-test ingliz) fil-paragrafu 'm' tal-artikolu 338 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta m'ghandhiex tinghata s-sinjifikat ristrett ta' 'irqad' (bl-ingliz 'sleep' ). Il-kelma 'mistrieh' tinludi ukoll dik it-trankwilita li normalment tigi mal-lejl u li wiehed jipprova jsib u jgawdi .... u jekk dan il-mistrieh jigi disturbat bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor allura jkun hemm ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 338 (m) tal-Kap 9."**

Illi, imbagħad, l-appellant jilmenta illi l-istqarrija li ittiehditlu mill-pulizija ma kenitx saret formalment bil-miktub u allura ma stetax tkun eżebita in atti. Illi stqarrija magħmula lill-awtorita' investigattiva, u li saret bil-kawteli kollha mogħtija lil persuna suspettatta skont il-liġi, tista' tinġieb bi prova fil-proċess penali istitwit kontra tiegħu, anke jekk din ma tkunx saret bil-miktub. *In oltre*, quddiem l-Ewwel Qorti, ma jidhirx illi tqajjmet xi kontestazzjoni dwar il-valur probatorju ta' dak dikjarat mill-appellant meta mitkellem mill-pulizija, tant illi d-difiża ma talbitx sabiex isir il-kontro-eżami tal-affidavit ta' PC809 skont kif hemm stipulat fl-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali. Jikkonsegwi illi ġaladarba dan ma sarx, ai termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali l-*affidavit* ippreżentat mill-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa kkunsidrat bħala ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. *In oltre*, dina l-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida li tista' twassalha tiddubita mill-kontenut ta' dan l-istess *affidavit* kif ukoll mill-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija.

Illi, għaldaqstant, it-tieni u t-tielet aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, ir-raba' u l-aħħar aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-investigazzjoni li ġiet ordnata li ssir mill-Ewwel Qorti għar-reat tal-isperġur fil-konfront ta' l-appellant u ta' Alister Farrugia. Huwa jisħaq li dejjem baqa' konsistenti fil-verzjoni tiegħu u li ma kienx gideb dwar dak li ġara.

Illi jibda biex jingħad illi l-appellant ma għandu ebda interess ġuridiku jitlob li l-investigazzjoni ordnata fil-konfront tax-xhud Alister Farrugia tkun revokata, billi l-imsemmi xhud ma huwiex parti fil-kawża, bl-appellant allura ma jistax iressaq xi talba għan-nom ta' terzi persuni. Għalhekk l-Qorti ser tezamina biss dan l-aggravju fir-rigward tal-investigazzjoni ordnata fil-konfront tiegħu biss.

Illi, jiġi mfakkar ukoll li dina l-Qorti hija sempliċiment qorti ta' revizjoni u ma tiddisturbax id-deċizjoni tal-Ewwel Qorti, jew id-diskrezzjoni minnha eżerċitat fl-apprezzament li hija tagħmel tal-provi jekk jinstab li din tkun waħda legalment u raġonevolment valida, iktar u iktar meta kienet l-Ewwel Qorti li kellha x-xorti tisma' x-xhieda jixhdu *viva voce* quddiemha u waslet għal konklużjoni li dawn kienu qed jixhdu il-falz u allura bi vjolazzjoni tal-ġurament minnhom meħud. Il-fatt li l-appellant jidhirlu li huwa kien konsistenti fil-verżjonijiet minnu mogħtija ma jwassalx għal fatt illi dak li qal kien il-verita', tant illli fis-sentenza appellata hemm indikat fejn fil-verżjonijiet tiegħu tal-fatti huwa ma kienx konsistenti tant illi l-Ewwel Qorti wasslet għal konklużjoni li dan kien qed jixhed il-falz. Għalhekk l-Qorti ma ssib xejn sindikabbli fid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fejn ordnat investigazzjoni fil-konfront tal-appellant u għaldaqstant, anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza u tas-sentenza appellata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jagħmel dak ordnat fl-imsemmija sentenza appellata kif ikkonfermata permezz ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**